MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 26/2005/1

**Carmelo Attard**

**vs.**

**Alfred Cini u Peter Paul Said**

**1.** Dawn huma żewg appelli, dak prinċipali tal-konvenut Alfred Cini u dak inċidentali tal-attur Carmelo Attard, minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali, fis-26 ta' Jannar, 2010, li permezz tagħha dik il-Qorti ddeċidiet il-kawża billi:

a) astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba sa fejn tirrigwarda lill-konvenut Peter Paul Said, billi din ġiet

ċeduta fil-konfront tiegħu, u ċaħdet l-istess talba fil-konfront tal-konvenut Alfred Cini, bl-ispejjeż ta' din it-talba għall-attur; u

b) laqgħet it-tieni talba attriċi u ddikjarat li l-attur għandu dritt jitħallas mill-konvenut Alfred Cini somma flus li tirrappreżenta l-ispejjeż kollha u xogħol li laħaq għamel, kif ukoll somma oħra a tenur tal-Artikolu 1640 tal-Kap 16., u konsegwentement ordnat lill-konvenut Alfred Cini sabiex iħallas lill-attur l-ammont ta' sittax-il elf tmien mija tnejn u disgħin euro u ħamsin ċenteżmu (€16,892.50), bl-ispejjeż ta' din it-talba kontra l-konvenut Alfred Cini.

**<u>Iċ-Ċitazzjoni tal-attur Carmelo Attard</u>**

**2.** Fiċ-ċitazzjoni tiegħu tas-16 ta' Marzu 2005 l-attur ppremetta:
1. Illi hu kien ftiehem mal-konvenut Mr. Alfred Cini dwar kuntratt ta' appalt ta' ħatt ta' bini u taħmil ta' żewġ binjiet fi triq it-Telegrafu, Nadur, Għawdex;

2. Illi fil-kors tax-xogħol, il-konvenut Mr. Alfred Cini qabad u ttermina l-kuntratt ta' appalt imsemmi fil-konfront tal-attur u mar u qabbad kuntrattur ieħor, il-konvenut l-ieħor Peter Paul Said, sabiex ikompli x-xogħol hu.

3. Illi fil-fatt l-istess konvenut l-ieħor qabad u daħal jaħdem minflok l-attur meta dan kien għad għandu l-inġenji kollha fil-fond fejn kien qiegħed isir ix-xogħol u beda jaħdem, tant li l-esponenti htieġlu jistitwixxi mandat ta' inibizzjoni ppresentat fir-Registru ta' dina l-Qorti fil-15 ta' Marzu 2005.

4. Illi skont l-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta) min jagħti x-xogħol jista' jħoll meta jrid il-kuntratt ta' appalt, għalkemm ix-xogħol ikun ġa beda, billi jħallas lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xogħol kollu tiegħu, flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-Qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.

5. Illi għalhekk hija dovuta somma flus li tirrappreżenta ix-xogħol ġia esegwit mill-attur kif ukoll somma oħra "*da liqwidarsi*" li tirrappresenta il-qliegħ kollu li l-attur kien sejjer jagħmel minn dan l-appalt.

6. Illi jinħtieġ ukoll li sakemm jitkejjel ix-xogħol li għamel l-attur il-konvenut l-ieħor jiġi inibit milli jesegwixxi

**3**. Għar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, l-attur talab lill-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali sabiex:
1. Tinibixxi lill-konvenuti kemm personalment kif ukoll permezz ta' terzi milli jagħmlu xi xogħol ta' hatt ta' bini u skavar fil-proprjeta` fuq imsemmija proprjeta` tal-konvenut fronteggjanti Triq it-Telegrafu, Nadur, sakemm jitkejjel u jigi stabbilit ix-xogħol magħmul mill-attur.

2. Tiddikjara li l-attur għandu dritt jithallas mill-konvenut Mr. Alfred Cini somma flus li tirrapprezenta l-ispejjez kollha u x-xogħol kollu li lahaq għamel sal-lum kif ukoll somma flus li tigi meqjusa mill-Qorti a tenur tal-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

**In-Nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Alfred Cini**

**4.** Permezz ta' nota tat-18 ta' April 2005 il-konvenut Alfred Cini eċċepixxa:
1. Illi l-ewwel talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi michuda stante li giet ormai sorvolata, in kwantu l-mandat ta' inibizzjoni li gie ipprezentat mill-attur numru 14/05 gie michud definitivament permezz ta' digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali datat 30 ta' Marzu 2005.

2. Illi inoltre, l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni, ladarba gie dekretat definitivament, ma jistax jerga' jifforma l-mertu ta' kawza, bhal fil-kaz odjern.

3. Illi fir-rigward tat-tieni talba attrici, l-eccipjent kien lest li jhallas lill-attur tax-xogħol minnu esegwit u dan

skont kejl li sar, u fil-fatt għamel diversi tentattivi sabiex jhallas lill-attur, pero' l-attur baqa' jirrifjuta li jaccetta tali hlas.

4. Illi, fi kwalsiasi kaz, kull hlas li jista' jippretendi l-attur għandu jitkejjel ma' l-utilita` li l-eccipjent ha tax-xogħol li lahaq sar u kif ukoll mal-hsara li l-eccipjent garrab minhabba li kien imgiegħel itemm l-appalt.

5. Illi inoltre, l-eccipjent agixxa fit-termini tal-Artikolu 1640(1) tal-Kapitolu 16 meta temm il-ftehim tal-appalt.

6. Illi tali terminazzjoni kienet gustifikata u għal raguni valida u tajba fil-ligi, in kwantu l-attur naqas milli jesegwixxi x-xogħol skont il-ftehim milhuq.

7. Illi għalhekk it-talba tal-attur għal somma ohra li tirraprezenta telf ta' qliegħ hija infondata stante li mhijiex gustifikata.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

**In-Nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Peter Paul Said**

**5.** Permezz ta' nota tat-22 ta' April 2005 il-konvenut Peter Paul Said eċċepixxa:

1. Preliminarjament li hu mhux il-legittimu kontradittur stante li huwa mhux is-sid tal-propjeta` li fuqha kien qed isir ix-xogħol minn Mr. Carmelo Attard.

2. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost l-ewwel talba tal-attur ma kellhiex issir permezz ta' citazzjoni izda permezz ta' mandat ta' inibizzjoni kontra Mr. Alfred Cini. Il-konvenut eccipjenti kien biss ser jagħmel xogħlijiet fuq struzzjonijiet tas-sid Mr. Alfred Cini.

3. Illi t-tielet talba assolutament ma treggiex fil-konfront tal-konvenut eccipjenti.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Nota ta' ċessjoni tal-attur li biha ceda u irtira l-atti tal-kawza fil-konfront tal-konvenut Peter Paul Said.**

**6.** Permezz ta' nota tal-21 ta' Frar 2006 l-attur ċeda u rtira l-atti tal-kawża fil-konfront tal-konvenut Peter Paul Said**.**

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti fis-sentenza appellata**

**7.** Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali għas-sentenza tagħha[1] kienu s-segwenti:
"Illi din il-kawza tirrigwarda kuntratt ta' appalt li l-konvenut Cini kien ta' lill-attur sabiex iwaqqa' zewg postijiet fin-Nadur, u jagħmel xogħol ta' thammil fl-istess sit[2]. Wara li fil-kors ta' dawn ix-xogħlijiet inqalgħu xi kwistjonijiet bejn l-attur u l-konvenut Cini, l-appalt gie sfrattat u x-xogħol tkompla mill-konvenut l-iehor. L-attur issa qed ifittex lill-konvenut Cini għall-hlas tax-xogħol li lahaq għamel qabel ma gie inkarigat il-konvenut l-iehor biex ilesti l-istess xogħlijiet, u l-kumpens dovut lilu a tenur tal-artikolu 1640 tal-Kap. 16. Għalkemm fic-citazzjoni tiegħu l-attur talab ukoll li l-konvenut Said jigi mizmum milli jkompli dawn ix-xogħlijiet sakemm jitkejjel u jigi stabbilit ix-xogħol li lahaq sar minnu, din it-talba giet ceduta fil-konfront tiegħu permezz tan-nota tal-istess attur tal-21 ta' Frar 2006[3]. Minkejja li din it-talba baqgħet ma gietx ceduta wkoll fil-konfront tal-konvenut l-iehor, jidher illi, kif jammetti l-attur stess fin-nota ta' Oservazzjonijiet tiegħu, [4] "*Din hija domanda li fil-kors ta' gudizzju illum saret akkademika…*"

*Dan il-kuntratt ta' appalt kien gie regolat permezz ta' zewg skritturi privati: wahda li ggib id-data tal-1 ta' Frar 2005[5] li fiha, fost hwejjeg ohra, gie stipulat li x-xogħol ta' twaqqiegħ kien ingħata bil-prezz globali ta' elfejn lira

[1] Ara par. 1 *supra*.
[2] Dok. X anness ma' l-affidavit tal-attur tal-14 ta' Gunju 2006 (a fol. 28 tal-process) u Dok. AC 4 a fol. 42.
[3] Ara Nota a fol. 19.
[4] L-ewwel paragrafu a fol. 167 tal-process.
[5] Dok. X gia citat.

Maltija (Lm2000), u skrittura oħra datata d-29 ta' Jannar 2005 li biha l-attur intrabat bir-rati ndikati għax-xogħol ta' tħammil[6]. Għalkemm fil-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża l-konvenut Cini jagħti l-impressjoni li l-attur kien ġie nkarigat ukoll sabiex jibni l-blokk ta' appartamenti li kellu jitla' minflok il-bini mwaqqa', u nfatti jsemmi l-inkapacita` tal-attur li jagħmel dan ix-xogħol ta' bini billi ma kienx bennej, bħala waħda mir-raġunijiet tiegħu għaliex hass li kellu jtemmlu l-appalt, dan mkien ma jirrizulta, la mill-iskritturi ċċitati u lanqas mill-provi miġbura.

"Il-konvenut Cini mhux iċaħħad lill-attur mill-ħlas tax-xogħol li dan laħaq għamel,[7] imma qed jirrifjuta li jagħtih ukoll il-kumpens stipulat a tenur tal-artikolu 1640(2) tal-Kap. 16, billi jsostni li kellu raġuni valida għaliex kien kostrett iħoll dan il-kuntratt ta' appalt li kellu miegħu. Huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna u dana in konformita` mad-dispożizzjoni ċara tal-liġi li l-kommittent għandu dritt li jxolji l-appalt, pero' meta ma jkunx ħtija tal-appaltatur il-kommittent li jeżerċita dan id-dritt ikun tenut iħallas lill-appaltatur tax-xogħol li jkun għamel u jħallsu somma li tiġi ffissata mill-Qorti skont iċ-ċirkostanzi u li ma teċċedix il-profitt li l-appaltatur kien jagħmel kieku kompla x-xogħol[8]. Dan il-prinċipju għandu wkoll il-korollarju tiegħu u cioe` li l-appaltant li jqiegħed lill-appaltatur f'pożizzjoni li dan ma jistax jesegwixxi l-kuntratt ikun qiegħed effettivament ixolji l-kuntratt ta' appalt daqskemm kieku keċċa lill-appaltatur[9].

"Fost ir-raġunijiet li jsemmi l-konvenut Cini, insibu dawk fejn jallega li l-attur ma kellux inġenji adegwati, bħal *crane* li ma jiflaħx il-piż tas-soqfa li kellhom jinqalgħu, li l-*crane* kien jiġi misjuq minn tifel ta' tnax-il sena, li ma kellux magna tajba biżżejjed biex tqattal-istess soqfa, u fuq kollox id-dewmien fl-esekuzzjoni ta' dan ix-xogħol.

---

[6] Dok. Y a fol. 29.
[7] Ara eċċezzjoni numru (iii) tal-istess konvenut u Dok. AC 15 a fol. 49 tal-proċess.
[8] Nerico Borg v. Frank Borg kollez vol. XLVII. i. 366; Philip Mizzi v. Anthony Falzon vol. LXVII. iv. 391; Mario Said et. v. Joseph Pule', vol. LXXXV. iii. 824.
[9] Carmelo Sacco v. Penza Construction Ltd., Prim' Awla 18.2.2004.

Madankollu ftit li xejn tressqu provi dwar dawn l-allegazzjonijiet. Dwar l-allegazzjoni tad-dewmien irid jingħad biss illi mill-iskrittura tal-1 ta' Frar 2005 sa meta fis-17 ta' Marzu 2005 sar ic-certifikat rilaxxjat mill-perit Robert Grech, inkarigat mill-konvenut Cini, biex jistma x-xogħol li lahaq għamel l-attur, wara li allura kien gia ntemm l-appalt,[10] lahqu għaddew biss xahar u nofs, u għalhekk zgur li ma jistax jingħad illi kien hemm xi dewmien esagerat. Irid jingħad ukoll illi fil-kaz in ezami ma kien gie stipulat ebda zmien specifiku meta kellhom jitlestew ix-xogħlijiet miftehma, u lanqas jirrizulta li l-konvenut Cini qatt interpella lill-attur biex ilesti minnufih dawn ix-xogħlijiet, biex ikun tal-inqas qegħdu *in mora*. Huwa minnu illi kif tajjjeb jikkontendi l-istess konvenut fin-nota tal-Osservazzjonijiet tiegħu, fi kwistjonijiet ta' appalt ma jidhirx illi l-kostituzzjoni in mora altrimenti mehtiega għall-esekuzzjoni ta' obbligazzjonijiet meta ma jkunx gie stipulat zmien partikolari, hija xi *sine qua non*, imma b'tali interpellazzjoni l-attur tal-inqas kien ikun sar jaf illi l-konvenut kien qed jippretendi li x-xogħol kellu jithaffef u jitlesta kemm jista' jkun malajr. Għall-kuntrarju, kif jirrizulta mill-provi, l-attur sar jaf biss li kien gie tterminat l-appalt meta gie mgiegħel mill-Pulizija, fuq struzzjonijiet tal-konvenut Cini, sabiex inehhi l-ingenji tiegħu minn fuq il-post, għaliex il-kuntrattur il-gdid ried jidhol biex ikompli x-xogħlijiet minfloku.

"Kien hemm imbagħad allegazzjoni ohra li l-attur ma kienx kapaci jtella l-blokk ta' appartamenti kontemplat għal dan is-sit. Dwar dan issemmiet l-okkazjoni meta l-attur u l-konvenut Cini kienu marru għand is-socjeta` Gatt Construction Limited, u saru diskussjonijiet mad-direttur tagħha Mario Gatt dwar il-possibilita` li din tagħmel dan ix-xogħol ta' bini, pero' l-partijiet baqgħu ma ftehmux dwar ir-rati. Mill-provi prodotti f'dan ir-rigward jidher illi l-vera raguni għaliex kienu saru dawn it-trattattivi kienet illi tigi introdotta din il-kumpanija biex tagħmel ix-xogħol tal-bini, u mhux biex tidhol minflok l-attur, li kif gia rajna, qatt ma ndahal għal dan ix-xogħol.

[10] Ara certifikat relattiv a fol. 150.

"Jirrizulta għalhekk illi "***r-raguni tajba***" biex jintemm dan l-appalt unilateralment mill-konvenut Cini, ma gietx sostanzjata bl-ebda mod minnu. Għaldaqstant l-attur jibqa' intitolat sew għall-pagament tax-xogħol li lahaq għamel kif ukoll għas-somma kontemplata fl-artikolu 1640(2) tal-Kap. 16, kif infatti jippretendi fit-tieni talba tiegħu."

8. L-ewwel Qorti mbagħad għaddiet sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet ulterjuri segwenti dwar il-likwidazzjoni tal-kumpens dovut lill-attur:

"**(i) għax-xogħol kollu li lahaq għamel sakemm intemm l-appalt mogħti lilu**: skont l-istima tal-perit Edward Scerri inkarigat mill-attur għal dan il-fini, l-attur jisthoqlu s-somma ta' Lm2000 għat-twaqqiegħ tal-bini ezistenti, eskluz ix-xogħol għar-rimi tal-materjal[11]. Imma kif korrettement jirrileva l-perit Robert Grech fl-affidavit tiegħu tat-13 ta' Frar 2009,[12] il-partijiet kienu ftehmu fuq ir-rati sew għat-twaqqiegħ kif ukoll għar-rimi tal-materjal relattiv permezz tal-iskrittura tal-1 ta' Frar 2005, u skont l-istess ftehim l-ammont ta' Lm2000 kellu jinkludi dan ix-xogħol kollu[13]. Allura ma jistax ikun li l-attur ikun intitolat jiehu l-istess ammont għat-twaqqieh biss li lahaq għamel. Hija għalhekk izjed ta' min joqgħod fuqha l-istima tal-perit Grech, fejn jiffissa l-ammont dovut f'dan ir-rigward għal elf mija u hamsin lira Maltija (Lm1150)[14].

"**(ii) Għall-qliegħ li l-attur seta' għamel minn dan l-appalt, li kieku thalla jesegwih kollu, a tenur tal-artikolu 1640(2) tal-kap. 16:**

"(a) fir-rigward tax-xogħol ta' twaqqiegħ tal-bini ezistenti, l-attur, wara li jitqies li kien lahaq għamel b'kemm jiswew Lm1150 xogħlijiet (kif ikkalkolati fil-paragrafu precedenti) jigi li kien ikun għad baqagħlu jithallas Lm850 li kieku thalla jwettaq din il-parti tal-appalt;

[11] Dok. ES a fol. 24.
[12] Ara Dok. A a fol. 163.
[13] Ara Dok. X a fol. 28.
[14] Ara affidavit relattiv a fol. 163.

"(b) Fir-rigward tax-xogħol ta' thammil, skont il-ftehim tad-29 ta' Jannar 2005, li bih gew accettati r-rati proposti mill-istess attur, dan kien ser jithallas total ta' Lm29,650[15].

"L-attur ma ressaq ebda provi dwar il-qliegħ li kien ser jagħmel li kieku thalla jesegwixxi l-appalt kollu li kien gie mogħti lilu mill-konvenut Cini, imma kif intqal mill-qrati tagħna: "*Meta jkun hemm ksur ta' kuntratt l-obbligat ikun responsabbli għad-danni. Dawn id-danni jistgħu ikunu jew konvenzjonali jew gudizzjali… jekk id-danni ma jkunux pre-likwidati, min jitlob id-danni, irid jipprova t-telf li hu realment ikun sofra, u dan peress li d-danni jridu jkunu reali. Id-danni f'dan il-kaz, jigu likwidati mill-Qorti, u għandhom ikollhom konnessjoni diretta mal-ksur invokat.*[16]*"*. Hekk ukoll: *"Fejn il-provi fir-rigward tal-ammont tad-danni ma humiex tant lineari jew ben stabiliti jew f'xi kaz ta' nuqqas ta' mezzi probatorji, l-ammont għandu jigi ffissat* ***ex aequo et bono*** *mill-gudikant*[17]*"*. Fil-kaz in ezami, tenut kont l-ispejjez involuti sabiex ikunu jistgħu jsiru xogħlijiet simili, jidher illi rata ta' għoxrin fil-mija (20%) tal-ammonti involuti, għandha tkun wahda adegwata għal dan il-fini. Għalhekk jigi li huwa dovut lill-attur f'dan ir-rigward: (a) 20% x Lm850 + 20% x Lm29,650 = Lm170 + Lm5930 = Lm6100.

"B'kollox jigi li huwa dovut lill-attur mill-konvenut Cini:

"(i) għax-xogħol ta' twaqqiegħ ta' bini li lahaq gie mwettaq mill-attur: Lm1150;

"(ii) bhala kumpens għall-qliegħ li seta' sar minnu kieku thalla jwettaq l-appalt: Lm6100,

"total għalhekk ta': Lm 7250, jew ahjar illum: sittax-il elf tmien mija tnejn u disgħin euro u hamsin centezmu (EUR16892.50). Jigi għalhekk illi l-attur kien altru minn gustifikat li ma jaccettax l-elf u hames mitt lira maltija

---

[15] Ara Dok. Y a fol. 29 u certifikat tal-A.I.C Scerri, Dok. ES a fol. 24.
[16] Jun Lui et noe v. Salomo Ulrich noe. Prim' Awla: 3.10.2002.
[17] Charles Attard v. Carmela Frendo: Prim' Awla: 31.1.2003.

(lm1500) offerta lilu mill-konvenut Cini "*għas-saldu*" tal-pretensjonijiet kollha tiegħu[18]".

**Rikors ta' appell tal-konvenut appellant Alfred Cini**

**9.** Il-konvenut ħassu aggravat bis-sentenza msemmija tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali u b'rikors tal-15 ta' Frar 2010 intavola l-appell odjern minn dik is-sentenza u permezz tiegħu talab lil din Qorti tvarja l-precitata sentenza billi:
1. tikkonfermaha fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba sa fejn tirrigwarda lill-konvenut Peter Paul Said, billi din ġiet ċeduta fil-konfront tiegħu, u ċahdet l-istess talba fil-konfront tal-konvenut Cini, bl-ispejjez ta' din it-talba għall-attur; u

2. tikkonfermaha fejn laqgħet it-tieni talba attrici u ddikjarat li l-attur għandu dritt jithallas mill-konvenut Mr. Alfred Cini somma flus li tirrapprezenta l-ispejjez kollha u xogħol li lahaq għamel, filwaqt li thassarha fejn laqgħet il-parti tat-tieni talba għal somma ohra a tenur tal-Artikolu 1640 tal-kap. 16 u konsegwentement ordnat lill-konvenut Mr. Alfred Cini sabiex ihallas lill-attur l-ammont ta' sittax-il elf tmien mija tnejn u disgħin euro u hamsin centezmu (EUR16892.50), bl-ispejjez ta' din it-talba kontra l-konvenut Mr. Alfred Cini,

U minflok tiddikjara li l-konvenut Mr. Alfred Cini temm l-appalt mertu ta' din il-kawza għal raguni gusta u konsegwentement tichad il-parti tat-tieni talba li permezz tagħha l-attur talab il-hlas ta' somma flus a tenur tal-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili, bl-ispejjez taz-zewg istanzi a kariku tal-attur.

**10.** Fil-qosor, l-aggravji tal-konvenut appellant huma s-segwenti:
1. jirrizulta mill-provi akkwiziti illi l-attur appellat ma lestiex ix-xogħol entro t-terminu lilu mogħti u għalhekk l-appalt gie xjolt *ipso facto* u ma kienx hemm lok għall-hlas tad-danni;

[18] Dok. AC 15 a fol. 49.

2. bil-kuntrarju għal dak li rriteniet l-Ewwel Qorti, kien hemm raguni valida għax-xoljiment tal-kuntratt u dan minhabba diversi ċirkostanzi rilevati mill-appellant fosthom id-dewmien fl-esekuzzjoni tax-xogħol u n-nuqqas ta' makkinarju idoneju għax-xogħol;

3. filwaqt li l-ewwel Qorti rriteniet li l-attur ma ressaq l-ebda provi dwar id-danni minħabba telf ta' qliegħ xorta għaddiet biex erronjament tillikwida dawk id-danni *ex aequo et bono* meta l-likwidazzjoni fuq bażi ekwitattiva tirrikjedi li qabel xejn l-attur ikun ġab prova li tabilħaqq sofra danni u l-kwantifikazzjoni tad-danni ma tkunx possibbli b'eżerċizzju matematiku;

**Risposta ta' appell u appell inċidentali tal-attur Carmelo Attard**

**11.** B'risposta tat-3 ta' Marzu 2010 l-attur Carmelo Attard wieġeb għall-appell tal-konvenut Alfred Cini u bih jidher li jsostni li s-sentenza appellata kienet ġusta in kwantu astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba sa fejn tirrigwarda l-konvenut Paul Said billi ġiet ċeduta fil-konfront tiegħu u laqgħet it-tieni talba tal-attur in kwantu dina ddikjarat li l-konvenut huwa obbligat iħallas lill-attur somma flus li tirrapresenta l-ispejjeż kollha tax-xogħol kollu li laħaq għamel l-attur sal-ġurnata tal-presentata taċ-ċitazzjon, kif ukoll somma flus li kellha tiġi meqjusa mil-Qorti a tenur tal-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16) tal-Liġijiet ta' Malta iżda peress li ma qabilx mas-sentenza appellata u ħassu aggravat minnha appella inċidentalment minnha in kwantu ċaħdet l-ewwel it-talba tiegħu fil-konfront tal-konvenut appellant Alfred Cini bl-ispejjeż kontra l-attur u in kwantu llikwidat is-somma dovuta lill-attur a tenur tal-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili fis-somma ta' €16892. Konsegwentement l-attur Carmelo Attard talab lil din Qorti tiċħad l-appell prinċipali tal-konvenut u tilqa' l-appell inċidentali tiegħu billi tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti in kwantu din laqgħet it-tieni talba tal-attur u timmodifikaha in kwantu ċaħdet l-ewwel talba fil-konfront tal-konvenut appellant u illikwidat l-ammont fit-tieni talba

f'ammont inqas minn dak likwidat skont ir-relazzjoni tal-AIC Edward Scerri.

*Dwar l-aggravji tal-appell prinċipali tal-konvenut Alfred Cini*

**12.** Għall-aggravji tal-appell prinċipali tal-konvenut Alfred Cini l-attur wieġeb sostanzjalment kif ġej:
1. rigward il-fatt jekk l-attur lestiex ix-xogħol skont il-kuntratt ta' bejniethom l-attur jgħid li kien il-konvenut li, għar-ragunijiet tiegħu, ried iqabbad kuntrattur ieħor u jilliċenzja lill-attur appellat li għalhekk ħtieġlu jottjeni l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut appellant sabiex ma jinkarigax kuntrattur ieħor qabel ma jitkejjel ix-xogħol li kien laħaq għamel l-istess attur appellat, liema mandat gie segwit b'din il-kawża li għandha bħala l-ewwel talba tagħha dik li ma jsirx xogħol ieħor qabel jitkejjel ix-xogħol tal-attur appellat, u dan jithallas; stante li kien il-konvenut stess li b'għemilu ħoloq ostakolu għat-tkomplija tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni ma jistax issa jinvoka il-patt kommissorju.

2. dwar il-kwistjoni tad-dewmien, l-attur appellat jgħid li kien il-konvenut stess li waqt li kien għadu għaddej it-terminu tal-kuntratt ta' appalt qabad u xolja l-kuntratt u inkariga lill-konvenut l-iehor u dan meta huwa, l-attur appellat, qatt ma kien tard fit-twettiq tal-appalt u fi kwalunkwe każ il-konvenut appellant qatt ma poġġieh '*in mora*' kif trid il-liġi; apparti li meta f'kuntratt ta' appalt li hemm stipulat klawsola penali habba dewmien, allura r-rimedju tal-kuntratt jigi cirkoskritt għall-infurzar ta' dik il-klawsola u xejn aktar.

3. dwar in-nuqqas ta' makkinarju idoneu għax-xogħol, l-attur appellat jgħid li l-obbligazzjoni tiegħu kienet limitata għall-esekuzzjoni tal-appalt u. ma kien hemm ebda ftehim rigward x'tip ta' makkinarju kellu jintuża minnu.

*l-aggravji tal-attur appellant fl-appell inċidentali tiegħu*

**13.** L-aggravji tal-attur appellant fl-appell inċidentali tiegħu jistgħu jiġu riassunti kif ġej:
1. ma jistax l-attur jiġi akkollat bl-ispejjez tal-ewwel talba meta dan kien parti integrali mill-kwistjoni bejn il-kontendenti u wara li saru l-kejlijiet u l-kalkoli ma kienx hemm lok aktar għaliex il-konvenut jiġi mizmum u għalhekk il-fatt li l-affarijiet jinbidlu u kien hemm speċi ta' '*jus supervenius*' m'għandux jopera kontra l-attur appellat u għalhekk jigi akkollat bl-ispejjez.

2. l-ammont pretiz minnu huwa dak likwidat mill-AIC Edward Scerri u għalhekk il-Qorti ma kellhiex għalfejn tiddeċiedi '*ex equo et bono*' imma kien biżżejjed li tistrieh fuq l-istima prodotta mill-AIC Edward Scerri u tipproċedi bil-likwidazzjoni a bażi ta' dik ir-relazzjoni.

**Risposta ta' appell tal-konvenut Peter Paul Said**

**14.** Bir-risposta tiegħu ta' appell tat-8 ta' Marzu 2010 Peter Paul Said wara li osserva li l-aggravji dedotti mill-konvenut Alfred Cini mhumiex dedotti kontra tiegħu iżda kontra l-attur u li għalhekk anki jekk jintlaqa' l-appell tal-konvenut Cini dan qatt ma seta' jwassal biex u jiġi kundannat u peress li huwa ma hux il-leġittimu kontradittur ta' ebda wieħed mill-kontendenti l-oħra huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-appellant indipendentement mis-suċċess o meno tal-appell per se.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

*Prinċipji legali*

**15.** L-azzjoni odjerna tirrigwarda kuntratt ta' appalt u l-materja in kontroversja hi regolata bl-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili li jipprovdi s-segwenti:

"**1640.** (1) Min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diġa' beda.

(2) Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-

ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.

(3) Jekk ikun hemm raguni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur somma li ma tkunx iżjed mill-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilita` ta' dawk l-ispejjeż u dak ix-xogħol lil min ikun ta' x-xogħol kif ukoll id-danni li dan ikun sofra.

(4) Kull somma mogħtija bil-quddiem lill-appaltatur qabel ma' l-kuntratt ikun inħall għandha tigi applikata għal dak dovut skont is-subartikolu (2) jew (3) u l-appaltatur għandu jrodd lil min ikun ta x-xogħol kull eċċess li jirriżulta.

(5) Il-kuntratt jinħall immedjatament malli min ikun ta' x-xogħol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorita` jew konferma mill-qorti."

**16.** Mill-premess jirriżulta li min jagħti appalt lil ħaddiehor, jista' jħoll x'ħin irid il-ftehim, ukoll jekk ix-xogħol ikun inbeda. Jirriżulta wkoll li m'hemm bżonn ta' ebda konferma jew awtorizzazzjoni minn xi qorti biex kuntratt ta' appalt jintemm mill-appaltant u dan għaliex l-Artikolu 1640(5) tal-Kodiċi Ċivili jagħmilha ċara li hekk kif min jagħti x-xogħol jgħarraf lill-appaltatur li jrid itemm il-ftehim, dak l-avviż iservi biex iħoll minnufih il-kuntratt. Kif irriteniet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Alcasons & Company Limited nomine v. Tigne' Development Company Limited nomine** "*il-qofol ta' tali jedd huwa l-aspett unilaterali tiegħu*[19]*.*"

**17.** Il-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana fissret kif ġej id-dritt tal-appaltant li jħoll il-kuntratt tal-appalt skont l-Artikolu 1671 tal-Kodici Ċivili Taljan korrispondenti għall-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili tagħna:

---

[19] "*Alcasons & Company Limited nomine v. Tigne' Development Company Limited nomine*" deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Lulju, 2004.

*"Tale diritto puo' essere fatto valere senza darne giustificazione alcuna e senza necessita` di accettazione dell'altro contraente, trattandosi di recesso ad nutum, che si perfeziona con la notizia datane all'appaltatore e al prestatore d'opera, e che puo essere esercitato in qualsiasi momento successivo alla conclusione del contratto, e, quindi, sia quando le opere non abbiano avuto ancora inizio, sia nel corso della loro esecuzione, sia in epoca prossima al loro compimento."* [20]

**18.** Inoltre, fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **Mariano Sare' v. Antonio Ellul et**[21] din il-Qort diversament preseduta ikkategorizzat il-kuntratt ta' appalt bħala kuntratt sinallagmatiku u li għalhekk:
" … *Għad li l-liġi ma tgħidux, id-debitur konvenut għall-esekuzzjoni tal-kuntratt għandu jkollu d-dritt li jiddefendi ruhu bl-eċċezzjoni ta' 'l-inadimpleti contractus,' billi jopponi li l-attur hu inadempjenti; salv dejjem li jġib il-prova ta' dina l-inadempjenza*" (**Giorgi, Obbligazioni**, Vol. IV, numri 200 u 202)." (Vol. XXXVII.i.196).[22]

U fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **Alcasons & Company Limited nomine v. Tigne' Development Company Limited nomine,** il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet li:
"*Fir-rigward tal-jedd tal-appaltant li jagħżel li jtemm il-kuntratt, il-liġi ma tagħrafx bejn jekk kuntratt ta' kiri ta' xogħol u ta' industrija jkunx magħmul għal żmien stabilit jew jekk ikunx magħmul għal żmien indefinit jew mingħajr terminu. Id-distinzjoni waħdanija magħmula mill-ligi tagħna hija dwar jekk l-appaltant kellux raġuni tajba jew le biex iwaqqaf lill-kuntrattur milli jkompli bix-xogħol*[23]."

**19.** Jekk il-kuntratt jinħall għal raġuni tajba, min jagħti x-xogħol huwa obbligat iħallas lill-appaltatur biss il-prezz tal-materjal li jkun intuża fix-xogħol li jkun laħaq ġie konsenjat lil, u miżmum minn, min jagħti x-xogħol, liema

---

[20] Cassazione 14.6.1972 no. 1870.
[21] "*Mariano Sare' v. Antonio Ellul et*" deciza mill-Qorti tal-Appell (Civili, Superjuri) fit-13 ta' Gunju 1953.
[22] Ibid.
[23] "*Alcasons & Company Limited nomine v. Tigne' Development Company Limited nomine*" deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Lulju, 2004.

prezz jitħallas ukoll minn xi ħlas akkont li l-appaltant ikun wettaq bil-quddiem lill-appaltatur. Dan għandu, min-naħa tiegħu, irodd lura lil min qabbdu jagħmel ix-xogħol dik il-parti mis-somma mħallsa lilu bil-quddiem li tkun tisboq il-prezz tax-xogħol li laħaq sar u l-materjal użat u mogħti lill-appaltant.

**20.** Fil-każ fejn ikun hemm raġuni tajba biex l-appalt jinħall, kull ħlas li jista' jippretendi l-appaltatur għandu jitkejjel ma' l-utilita` li l-appaltant ikun ħa tax-xogħol li laħaq sar, kif ukoll mal-ħsara li l-appaltant ikun ġarrab minħabba li kien imġiegħel itemm l-appalt.

**21.** Mill-banda l-oħra, jekk min jagħti x-xogħol itemm il-kuntratt għal raġuni li ma tkunx waħda tajba, hu jkollu jħallas lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu li dan ikun laħaq wettaq, flimkien ma' somma meqjusa mill-Qorti li ma tkunx tisboq il-qligħ li l-kuntrattur seta' għamel kieku tħalla jtemm l-appalt. F'ċirkostanza bħal din, is-somma meqjusa għandha tixxiebah u titqabbel mat-telf imġarrab mill-kuntrattur.

**22.** In propożitu, fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **France Abela v. Joseph Scicluna** il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili spjegat li:
"*Fejn il-kommittent jittermina l-appalt sempliċiment in virtu tal-fakolta' lilu konċessa bl-imsemmi Artikolu 1640, l-appaltatur mhux biss għandu dritt ta' azzjoni għall-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu <u>iżda wkoll somma għall-qliegħ li jkun tilef</u> (Artikolu 1640(2)). Jekk imbagħad teżisti raġuni valida li tista' tiġi attribwita lill-appaltatur dan id-dritt għall-qliegħ ma jkunx intitolat għalih (Artikolu 1640(3))*." [24]

**23.** Għalhekk, meta l-appaltant jagħżel li jtemm qabel waqtu kuntratt ta' appalt, irrispettivament minn jekk kienx hemm żmien stabbilit fil-kuntratt ta' appalt jew le, l-unika konsiderazzjoni li temerġi hi jekk ir-raġuni li fuqha sejjes l-għażla tiegħu l-appaltant sejjisx kienetx waħda tajba jew le biex iħoll il-kuntratt. Fejn il-ligi ssemmi "*raguni*

[24] "*France Abela v. Joseph Scicluna*" deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2003.

*valida*” wiehed irid jifhem din il-frażi fid-dawl tal-imġieba tal-appaltatur waqt l-eżekuzzjoni tal-appalt. Trid tkun raġuni li tolqot direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali tal-appaltatur ma’ l-appaltant fis-sens tal-prestazzjoni tiegħu (jew nuqqas tagħha) taħt il-kuntratt tal-appalt. Kif ritenut mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha ġia ċitata fl-ismijiet **Alcasons & Company Limited nomine v. Tigne’ Development Company Limited nomine** “*raguni tajba*,” għall-finijiet tal-Artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili ma tistax tinftiehem bħala “*tajba għall-appaltant għax hekk jaqbillu*[25]”. Li kieku dawk il-kliem kellhom jitfissru b’dak il-mod, iġibu fix-xejn id-dispozizzjonijiet l-oħra tal-istess artikolu dwar il-kumpens dovut lill-appaltatur.

*l-appell prinċipali tal-konvenut Alfred Cini*

*L-ewwel aggravju*

**24.** Fl-ewwel aggravju tiegħu il-konvenut appellant Alfred Cini isostni li l-attur appellat Carmelo Attard ma lestiex ix-xogħol entro t-terminu lilu mogħti u għalhekk l-appalt gie xjolt *ipso facto* u ma kienx hemm lok għall-hlas tad-danni. Jidher li dan l-aggravju huwa msejjes fuq dokument li suppost kien qiegħed jiġi esibit mar-rikors tal-appell li iżda ma kienx hekk esibit. Sussegwentement l-appellant Alfred Cini b’rikors tal-10 ta’ Ġunju 2013 talab li jiġi awtorizzat jesibixxi d-dokument in kwistjoni li huwa kien naqas milli jesibixxi mar-rikors tiegħu tal-appell. L-attur appellat Carmelo Attard b’risposta tas-26 ta’ Settembru 2013 oppona għall-produzzjoni tad-dokument imsemmi, waqt li l-konvenut Peter Paul Said b’verbal fis-seduta quddiem din il-Qorti tas-7 ta’ Ottubru 2013 irrimetta ruhu dwar it-talba għall-produzzjoni tal-istess dokument. B’digriet mogħti fis-seduta msemmija tas-7 ta’ Ottubru 2013 din il-Qorti ċaħdet it-talba għall-produzzjoni tad-dokument mitlub għar-raġunijiet mogħtija fl-istess digriet. Il-konvenut appellant, għalhekk, ma jistax jistrih fuq id-dokument imsemmi minnu sabiex isostni dan l-aggravju.

[25] “*Alcasons & Company Limited nomine v. Tigne’ Development Company Limited nomine*” deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Lulju, 2004.

Kif qalet sew l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha mill-provi prodotti ma jirriżultax li ġie speċifikat xi terminu li fih kellhom jiġu konkjuzi x-xogħlijiet mifthema.

**25.** Tenut kont ta' dawn ir-riżultanzi dan l-aggravju ma jistax jiġi milqugħ u qiegħed jiġi respint.

*It-tieni aggravju*

**26.** Fit-tieni aggravju tiegħu il-konvenut appellant Alfred Cini isosnti li, kuntrarju għal dak li rriteniet l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, kien hemm raguni valida għax-xoljiment tal-kuntratt ta' appallt u ttratjena ruħu prinċipalment fuq l-allegat dewmien fl-esekuzzjoni tax-xogħlijiet, in-nuqqas ta' makkinarju idoneju għax-xogħol,

**27.** M'hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet illi fl-1 ta' Frar, 2005 kien sar ftehim bejn il-konvenut appellant Alfrfed Cini, l-appaltant, u l-attur apellat Carmelo Attard, l-appaltatur li, fost affarijiet oħra, permezz tiegħu ftehmu li l-Carmelo Attard kellu jwaqqa' żewġ fondi fi Telegraph Street in-Nadur, Għawdex, u ċioe` appartament tal-valur ta' Lm39,000 u garaxx bil-valur ta' Lm6,500, u jagħmel xogħol ta' taħmil fil-bini tal-proġett ta' Alfrfed Cini ukoll f'Telegraph Street, in-Nadur, Għawdex. Il-prezz tax-xogħol ta' twaqqih taż-żewġ fondi msemmija, bir-rimi b'kollox, kien ta' Lm2000. Il-partijiet kienu ftehmu wkoll li "*ir-rimi taż-żewġ postijiet li l-appaltatur ma kienx se jarmi fil-barriera, il-konvenut ma jiġix iccargjat fuqu.*"

**28.** M'hemm l-ebda kontestazzjoni wkoll li allavolja Carmelo Attard kien laħaq beda x-xogħol ta' twaqqigħ u ta' taħmil fil-proġett tal-appaltant fi Telegraph Street, in-Nadur, Għawdex, l-istess Carmelo Attard ma kienx lesta x-xogħol tiegħu kollu meta ntemm l-appalt.

**29.** Minkejja li l-partijiet qablu fuq l-eżistenza tal-kuntratt ta' appalt fis-seħħ bejniethom u fuq l-istat tax-xogħol li kien esegwixxa l-appaltatur meta ntemm l-appalt, mill-provi jirriżulta li din il-Qorti tinsab rinfaċċjata b'iktar minn verżjoni waħda dwar il-fatti tal-każ, liema verżjonijiet huma differenti u konstrastanti. Huwa ben magħruf

f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew ineżattezzi fil-provi għandhom iħallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minħabba fihom ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta għax kif inhu paċifikament akkolt, ic-certezza morali fil-kamp ċivili hi ndotta mill-preponderanza tal-probbabbiltajiet għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli[26]. Inoltre, f'materja ta' apprezzament ta' provi f'din is-sede huwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza ta' dawn il-qrati li din il-Qorti bħala qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax leġġerment l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel Qorti ħlief għal raġunijiet gravi li minħabba fihom tkun altrimenti ser issir amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja.

**30.** Il-Qorti tibda biex tosserva li l-provi prodotti mill-attur huma għal kollox skarsi konsistenti unikament – apparti d-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu maċ-ċitazzjoni – fil-ftehim bil-miktub bejn l-attur u l-konvenut Alfred Cini, l-affidavit tal-attur, affidavit tal-AIC Edward Scerri limitat sostanzjalment għal deskrizzjoni qasira tax-xogħol li kellu jagħmel l-attur u stima tal-valur tax-xogħlijiet ta' twaqqiegħ li tinkludi l-użu tal-makkinarju kif ukoll ix-xogħol tal-idejn. Ġie prodott ukoll Lorry Attard, iben l-attur, li kull ma għamel hu li kkonferma li jaqbel mal-kontenut tal-affidavit ta' missieru. Diversi persuni dikjarati mill-attur bħala xhieda, bħal Lawrence Attard, ħaddiema oħra tal-attur, Joseph Xerri u ħaddiema tiegħu, John Gauci li allegatament għamel xogħol bil-krejn, u Joseph Grima qatt ma ġew prodotti jixhdu. Għalhekk kważi xejn minn dak li jallega l-attur ma ġie indipendentement korroborat b'xi mod minn xi ħadd. Hekk l-allegazzjonijiet tiegħu, għalkemm taħt ġurament, li x-xogħol ta' demolizzjoni li kellu jagħmel kien jinvolvi certi diffikultajiet għaliex kien imiss ma' bini antik, li ingħata minn Joseph Xerri makkinarju speċjalizzat biex ikun jista' jaħdem, li ma kienx hemm tnikkir inġustifikat daparti tiegħu fl-esekuzzjoni tax-xogħol, li kellhom jitqabbdu Gatt Brothers biex jgħinuhom fit-tqattiħ, li minħabba l-kuntratt li kellu mal-konvenut

[26] Ara "*Emanuel Ciantar v. David Curmi noe*", Prim' Awla tal-Qorti Civili, 28 ta' April 2003 u s-sentenzi hemm ċitati.

Alfred Cini kellu jirrifjuta xogħol ieħor li offrielu l-avukat Dottor Michael Caruana, baqgħu ma ġewx sostanzjati adegwatament. Il-Perit Edward Scerri, li kien il-perit inkarikat mill-attur sabiex tah stima tax-xogħol tat-twaqqigħ u taħmil mhux biss ma ġiex prodott jixhed biex forsi jsaħħaħ l-allegazzjonijiet tal-attur iżda dan, minkejja li ġie prodott affidavit tiegħu, anqas biss ġie dikjarat bħala xhud.

**31.** B'danakollu, la darba l-konvenut appellant Alfred Cini jallega li huwa ttermina l-appalt għal raġuni valida u tajba fil-liġi l-oneru tal-prova ta' din l-allegazzjoni kienet tinkombi fuqu. Fost id-diversi raġunijiet miġjuba 'l quddiem mill-konvenut Cini biex juri li t-terminazzjoni saret għal raġuni valida u tajba fil-liġi hemm is-segwenti:

1. L-ingenji inadegwati tal-attur;
2. Li l-crane kien jigi misjuq minn tifel ta' tnax-il sena;
3. Li l-attur kien jixhet il-hamrija ta' li kien isib fil-proprjeta tal-konvenut fi Telegraph Street, in-Nadur, Għawdex, f'għalqa tiegħu biex imbagħad ibigħha;
4. It-tehid mill-attur ta' certu għodda tal-konvenut li kienu gewwa l-garaxx ta' wiehed mill-postijiet u dan mingħajr ma' qal lill-konvenut;
5. Jekk l-attur waqqafx lil wiehed jismu Anglu milli jiehu xi gebel antik li kien fuq wara taż-żewġ postijiet u li l-konvenut kien biegħhom lil dan Anglu;
6. L-iskartar tal-attur fuq il-post tax-xogħol;
7. L-opinjonijiet tan-nies li kienu joqgħodu vicin il-proprjeta` tal-appaltant;
8. L-allegata talba da parti tal-attur għal iktar flus mingħand il-konvenut peress illi x-xogħol kien ta' piż kbir;
9. In-nuqqas ta' interess li wera l-attur fix-xogħol, tant li spiċċa biex jabbanduna x-xogħol għal kollox;
10. L-aċċettazzjoni da parti tal-appaltatur li ma kienx kapaċi jew li ma kellux apparat biżżejjed biex ikompli x-xogħol; u
11. L-allegazzjoni li l-attur ma kellux magna tajba biżżejjed biex tqattal-istess soqfa.

**32.** Apparti li l-konvenut naqas milli juri kif uħud miċ-ċirkostanzi msemmija – bħall-mod kif l-attur kien jiddisponi mill-ħamrija, t-teħid ta' ċertu għodda, l-inċident mal-persuna magħrufa bħala Anġlu – jolqtu direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali tal-attur mal-konvenut taħt il-kuntratt tal-appalt, din il-Qorti ma ssibx raġunijiet gravi biżżejjed sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-ewwel Qorti meta waslet għall-konklużjoni li dawn l-allegazzjonijiet ma ġewx adegwatament sostanzjati mill-konvenutu anzi hi tal-istess fehma tal-ewwel Qorti li l-istess allegazzjonijiet ma jirriżultawx pruvati.

**33.** Il-konvenut appellant jallega li l-fatt li l-attur ipprova jinvolvi lis-soċjeta` Gatt Construction Limited fl-esekuzzjoni tax-xogħlijiet juri li l-attur effettivament ma kellux il-kapaċita` neċessarja biex jesegwixxi x-xogħol ta' twaqqiegħ u tħammil ikkontemplat fil-kuntratt ta' appalt.

**34.** Dwar din l-allegazzjoni l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni li
"*Mill-provi prodotti f'dan ir-rigward jidher li l-vera raguni għaliex kienu saru dawn it-trattattivi kienet illi tigi introdotta din il-kumpanija biex tagħmel ix-xogħol tal-bini, u mhux biex tidhol minflok l-attur, li kif gia rajna, qatt ma ndahal għal dan ix-xogħol*[27]."

**35.** Din il-Qorti ma ssibx raġunijiet suffiċjenti sabiex tiddipartixxi minn din il-konklużjoni tal-ewwel Qorti. Il-konvenut appaltant Alfred Cini ma rnexxielux jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu li hu u l-attur l-appaltatur Carmelo Attard kienu għamlu numru ta' laqgħat ma' Gatt Construction Limited sabiex l-istess soċjeta` tkompli x-xogħol ta' twaqqigħ u ta' taħmil li kien beda l-Carmel Attard u li ma kienx kapaci jkompli. Għaldaqstant, ma jistax jingħad li ġie pruvat li Carmel Attard ma kienx kapaċi jesegwixxi l-kuntratt ta' appalt.

**36.** In kwantu li l-konvenut appellant Alfred Cini jallega li ġie kostrett jittermina l-appalt minħabba d-

[27] Pagni 6 u 7 tas-sentenza fl-ismijiet "*Carmelo Attard v. Alfred Cini, Peter Paul Said*" deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fis-26 ta' Jannar 2010.

dewmien esaġerat da parti tal-attur biex jikkompleta x-xogħlijiet l-ewwel Qorti waslet għall konklużjoni li l-appalt kien ġia ġie terminat qabel is-17 ta' Marzu 2005 u li, tenut kont tal-fatt li l-iskrittura ta' appalt kienet tal-1 ta' Frar 2005, kienu laħqu għaddew biss xahar u nofs u għalhekk ma setax jingħad illi kien hemm xi dewmien esaġerat.

**37.** Fuq l-iskorta tal-provi prodotti, iżda, din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-konlużjoni msemmija.

**38.** Irriżulta li l-konvenut appaltant Alfred Cini inkariga lill-perit Robert Grech minhabba l-fatt li ħass li l-attur kien qed idum wisq biex jesegwixxi x-xogħol ikkontemplat fil-kuntratt ta' appalt ta' bejniethom. Fuq il-kwistjoni tal-allegat dewmien esagerat, il-Perit Robert Grech sostna li l-attur kien beda x-xogħol ta' ħatt u taħmil iżda beda jagħmel dan "*bil-mod ħafna*"[28] u "*bis-sulluzzu*"[29] sakemm "*spiċċa waqaf għal kollox*". L-opinjoni tal-Perit Robert Grech fuq il-kwistjoni tad-dewmien ma setghetx tkun iktar ċara – "*Jiena fl-opinjoni tiegħi kien sejjer bil-mod*[30]".

**39.** L-istess perit kompla jixhed hekk:

"… *x-xogħol prattikament kien jibda u jieqaf u prattikament jimxi bil-mod ħafna… Ir-ritmu tax-xogħol kien ritmu bil-mod wisq… Għax prattikament kien jagħmel jumejn jaħdem, jieqaf u forsi jiġi l-ġimgħa ta' wara, insomma, daqqa jġib magna li ma jistax iwaqqa' per eżempju l-bini biha, imbagħad iġib, insomma ħafna logħob, qed tifhimni. Proġett bhal dak ma tistax tagħmlu bl-iskossi.*

*[ … ]*

*"Ġie mwaqqaf fuq din il-kwistjoni. Jien mhux opinjoni qed ngħid, jiena qed ngħid illi xogħol ta' twaqqigħ li suppost jieħu ġimgħatejn, tajjeb, bit-teħid tal-materjal b'kollox, tajjeb, twal u għamel xahrejn u kien għad baqa' nofs dar*

[28] Xhieda tal-Perit Robert Grech fit-23 ta' Ottubru 2008 a fol. 145 tal-proċess.
[29] Ibid a fol. 146 tal-proċess.
[30] Ibid a fol 148 tal-proċess.

*għadha hemmhekk. Mhux opinjoni… Jiena, Alfred Cini kien kellimni u qalli li forsi jqabbad lil xi ħadd ieħor biex ikompli x-xogħol tat-taħmil għax bir-ritmu li kien għaddej l-ieħor ma kienx se jimxi.*" [31]

"Il-Perit Robert Grech żied li qabel ma' telaq Carmel Attard kien ilu wieqaf mix-xogħol il-ġimgħat u "*hafna drabi [l-attur] ma kienx ikun hemm*.[32]".

**40.** Tenut kont tar-riżultanzi premessi din il-Qorti hi sodisfatta li l-konvenut Alfred Cini ttermina l-appalt minħabba tnikkir mhux raġonevoli da parti tal-attur fl-esekuzzjoni tal-appalt. Li dan kien il-każ jirriżulta wkoll minn dak li qal l-attur fl-affidavit tiegħu fejn stqarr li "il-konvenut beda wkoll jilmenta li x-xogħol kien qed isir bil-mod"[33] u li kienu fi ħsiebhom iqabbdu lil ta' Gatt Brothers biex jgħinuh "u b'hekk ir-ritmu tax-xogħol seta' jiżdied b'sodisfazzjon għall-konvenut"[34]. Din il-Qorti tqis ir-raġuni msemmija bħala waħda valida li tolqot direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali tal-attur mal-konvenut taħt il-kuntratt tal-appalt.

**41.** Dan it-tieni aggravju qiegħed għalhekk jiġi milqugħ.

*It-tielet aggravju*

**42.** Fit-tielet aggravju tiegħu l-konvenut appellant jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti fl-istess ħin li rriteniet li ma ġewx prodotti provi tad-danni minħabba telf ta' qliegħ xorta għaddiet biex tillikwida dawk id-danni *ex aequo et bono.*

**43.** Tenut kont tal-fatt li din il-Qorti qed tilqa' it-tieni aggravju tal-konvenut appellant u qed issib li t-terminazzjoni tal-appalt saret għal raġuni valida skont il-liġi skont l-Artikolu 1640(3) tal-Kodiċi Ċivili ebda ħlas ta'

---

[31] Ibid a fol. 145 u 146 tal-proċess.
[32] Xhieda tal-Perit Robert Grech fit-23 ta' Ottubru 2008 a fol. 148 tal-proċess.
[33] Ibid
[34] Fol. 26 tal-proċess ta' prim istanza.

danni minħabba telf ta' qliegħ ma hu dovut għalhekk din il-Qorti ser teskludi mill-ammont likwidat mill-ewwel Qorti bħala dovut mill-konvenut appellant is-somma likwidata minnha bħal kumpens għall-qliegh li seta' sar mill-attur u b'hekk ser tilqa' wkoll dan l-aggravju anki jekk mhux neċessarjament għar-raġunijiet miġjuba mill-konvenut appellant. B'hekk l-ammont li l-konvenut appellant ikun tenut iħallas lill-attur, salv il-konsiderazzjoni tal-appell inċidentali f'dan ir-rigward, ikun dak dovut ghax-xogħol ta' twaqqigħ ta' bini li laħaq wettaq l-attur u li dwaru ma gie sollevat ebda aggravju mill-konvenut appellant u li l-ewwel Qorti ddeterminat kien jammonta għal elf mija u ħamsin lira maltija (Lm1150) li f'munita kurrenti jammonta għal elfejn sitt mija disgħa u sebgħin euro u ħames ċenteżmi (€2679.5).

*<u>L-appell inċidentali tal-attur Carmelo Attard</u>*

**44.** <u>Fl-ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant Carmelo Attard jilmenta li ma kellux jiġi akkollat l-ispejjeż tal-ewwel talba minkejja li din ġiet miċħuda u dan għaliex ir-raġuni li minħabba fiha ġiet miċħuda t-talba avverat ruħha fil-kors tal-ġudizzju. L-appellant, iżda, fil-parti tat-talba tal-appell tiegħu ma talab ebda modifika tal-kap tal-ispejjeż u l-unika modifika li talab tas-sentenza apellata hi in kwantu din ċaħdet l-ewwel talba, meta ma ġie dedott ebda aggravju minnu fir-rigward taċ-ċaħda tat-talba iżda biss fir-rigward tal-ispejjeż tat-talba. Inoltre l-Artikolu 223(1) tal-Kap.jipprovdi dwar l-ispejjeż li l-Qorti għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi dan l-aggravju ma jistax jintlaqa' u qiegħed jiġi respint.

**45.** Fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant Carmelo Attard jilmenta li l-ammont pretiż minnu huwa dak likwidat mill-AIC Edward Scerri u li għalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn tiddeċiedi *ex aequo et bono* iżda kien biżżejjed li l-Qorti tistrieħ fuq l-istima tal-istess perit Scerri. L-unika parti tal-likwidazzjoni tal-ewwel Qorti li saret *ex aequo et bono* hi dik għar-rigward telf ta' qliegħ li din il-Qorti sabet li ma hux dovut meta ġiet biex tiddisponi mill-aggravji tal-appell prinċipali. Inoltre, dak li hemm fl-istima

tal-perit Scerri dwar dan l-aspett hi stima tal-valur tax-xogħol kollu li kien ser jagħmel l-attur u mhux prova tal-gliegħ li kien ser jagħmel l-istess attur mix-xogħlijiet tal-appalt. Finalment, l-ewwel Qorti b'ebda mod ma kienet obbligata li taċċetta interament l-istima tal-perit Scerri. L-ewwel Qorti di fatti ħadet in kunsiderazzjon dik l-istima safejn dehrilha li setgħet tistriħ fuqha u ma straħetx fuqha fejn dehrilha li ma setgħetx tistriħ fuqha. Dan l-aggravju wkoll qiegħed għalhekk jiġi respint.

**46.** L-appell inċidentali qiegħed għalhekk jiġi respint fl-intier tiegħu.

**DECIDE**

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet hawn fuq premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. tiċħad l-appell inċidentali tal-attur Carmelo Attard fl-intier tiegħu;

2. tilqa' l-appell prinċipali tal-konvenut Alfred Cini u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha f'dik il-parti fejn iddikjarat li l-attur għandu dritt jitħallas mill-konvenut Alfred Cini somma oħra a tenur tal-Artiklu 1640 tal-Kap. 16 u konsegwentement ordnat lill-kovenut Cini sabiex iħallas lill-attur l-ammont ta' sittax-il elf tmien mija tnejn u disgħin euro u ħamsin ċenteżmu (€16892,50) u minflok tordna lill-konvenut Alfred Cini sabiex iħallas lill-attur l-ammont ta' elfejn, sitt mija disgħa u sebgħin euro u ħames ċenteżmi (€2679.5).

3. tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

L-ispejjeż tal-ewwel istanza għandhom jitħallsu kollha mill-attur la darba l-kawża saret għalxejn billi l-konvenut kien ġia` offra ħlas adegwat għax-xogħol magħmul mill-attur li inġustament irrifjuta l-offerta (Dok. AC 15 a fol. 49 tal-proċess ta' prim' istanza).

Għar-rigward tat-tieni istanza l-ispejjeż tal-appell inċidentali għandhom jitħallsu kollha mill-attur appellant

Carmelo Attard filwaqt li dawk tal-appell prinċipali tal-konvenut appellant Alfred Cini, fil-konfront tal-attur Carmelo Attard, peress li wieħed mit-tlett aggravji tal-appell prinċipali ġie respint, għandhom jitħallsu terz ($^1/_3$) mill-konvenut appellant Alfred Cini u żewġ terzi ($^2/_3$) mill-attur Carmelo Attard. L-ispejjeż kollha tal-appellat Peter Paul Said jitħallsu mill-attur Camelo Attard.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------